MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2/2005

Kawza fil-lista: 24

**A B C D**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati b' digriet tal-20 ta' Jannar 2005 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti E C D; u b' digriet tat-23 ta' Frar 2006 il-kuraturi gew sostitwiti bil-konvenut**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Awissu tas-sena 2001 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda tfal.

Peress illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba abbandun, nuqqas ta' fondi ghall-manteniment, sevizzi, ingurji u nuqqasijiet ohra imputabbli lill-konvenut b' mod li rrenda l-hajja matrimonjali impossibli bejn il-kontendenti.

Peress illi l-konvenut, b' mod arbitrarju u definittiv, abbanduna halla d-dar matrimonjali u ma qieghed jghaddi l-ebda forma ta' manteniment lill-attrici.

Peress illi l-attrici m' ghandha l-ebda informazzjoni rigwardanti r-residenza prezenti tal-konvenut.

Peress illi l-attrici ma setghetx tibda l-process ta' medjazzjoni ghaliex ma setghetx tinnotifika lill-konvenut b' dawn il-proceduri minhabba r-ragunijiet hawn fuq indikati.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personli bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-istess konvenut.

2. Tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut bhala manteniment lill-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tiddividiha f' porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u ope sententiam tassenja porzjoni lill-attrici u ohra lill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha jew parti minnhom sa fejn applikabbli tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi b’ digriet tal-20 ta’ Jannar 2005, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-interessi ta’ E C D.

2. Illi huma m’ ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut u kontemplati fl-Artikoli 41 u 40 tal-Kap.255.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget lill-konvenut ta’ nazzjonalita’ Libjana fl-20 ta’ Awissu 2001. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. La fil-perijodu ta’ qabel iz-zwieg u lanqas sa ftit xhur wara, ma kien hemm problemi apparenti bejn il-koppja, izda fil-Milied ta’ l-istess sena l-attrici bdiet tirriskontra nuqqasijiet fil-konvenut li minn naha tieghu beda jkun abusiv fil-komportament tieghu karatterizzat principalment minn sens ta’ egojismu qawwi da parti tieghu fil-konfront ta’ l-attrici, u anke kellu hbiberija ma’ mara ta’ nazzjonalita’ Tunezin. Okkazjoni minnhom huwa kien qal lill-attrici li huwa kellu tarbija minn din il-

mara. Wara diversi kwistjonijiet il-konvenut telaq ’il barra mid-dar konjugali u ma tfaccax aktar, u l-attrici tghid li sallum, ghalkemm gieli ratu barra, hija ma tafx x’ sar minnu u fejn joqghod.

Il-Qorti tirravvisa f’ dan il-kaz sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici li kienu l-kagun tat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejniethom, u li wassal sabiex il-konvenut abbanduna ghal kollox id-dar konjugali u lill-attrici.  Ghalhekk l-ewwel talba hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li hi m’ ghandhiex pretensjoni ghal manteniment fil-konfront tal-konvenut; u rigward il-kommunjoni ta’ l-akkwisti tghid li huma kienu jghixu fid-dar ta’ ommha, u l-assi kommunitarju jikkonsisti biss fil-vettura TAT-TIP <<<  >>> numru <<< ... >>>.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet numri [1][4][5] u [6] u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri [2] u [3]; u ghalhekk;

[1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] ixxolji l-kommunjoni ta’ l-akkwisti u tillikwidaha fis-sens li l-vettura fuq imsemmija tibqa’ tinzamm mill-attrici;

[3] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-Artikolu 48[1] fl-intier tieghu, b’ referenza ghall-Artikolu 51 tal-Kap.16;

[4] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha “B”

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, hlief dawk relattivi ghat-talbiet numri [2] u [3] li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------